# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 529/2016 MH**

**Illum, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Mario Ebejer (K.I. Nru. 544771M)**

**vs**

**Ahmed Ibro Muhiddin (K.I. Nru. 0046714A) u Greenlines Environmental Services Limited (C-14868)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Mario Ebejer tal-1 ta' Lulju 2016** li permezz tiegħu ippremetta:

***"Dikjarazzjoni tal-Fatti:-***

1. *Illi in segwitu għal rikors ġuramentat imressaq nhar il-5 ta' Ġunju, 2009, ingħata sentenza fit-13 ta' April, 2016 fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin*

*vs. Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (Rik. Nru. 546/09JRM), fejn din l-Onorabbli Qorti laqgħet fil-kontumaċja tal-konvenut Mario Ebejer, attur odjern, it-talbiet attriċi u: (1) sabet li l-imħarrkin jaħtu solidament bejniethom għall-inċident li seħħ fil-31 ta' Awwissu, 2008, fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, għall-ħabta tal-5.30 ta' filgħodu u li fih l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux meta korra waqt li kien xogħol riekeb mal-imħarrek Ebejer f'vettura tal-kumpannija mħarrka; (2) illikwidat l-ħsara li ġarrab l-attur minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u erbgħin euro (€54,740); (3) ikkundannat lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata ta' erbgħa u ħamsin elf seba' mija u erbgħin euro (€54,740) flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mid-data tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv; (4) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpannija mħarka, għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt u; (5) ikkundannat lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża ('Dok. A');*

2. *Illi, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, din is-sentenza ingħatat ad insaputa tal-attur, u ġiet a konjizzjoni tiegħu biss wara li ingħatat aħbar tagħha f'sezzjoni tal-media elettronika (Dok. B);*

3. *Illi jirriżulta mill-atti proċesswali li r-rikors promotur, l-avviż, id-digriet u d-dokumenti relattivi li l-esponenti ġie notifikat fl-uffiċċju rreġistrat tas-soċjeta' konvenuta l-oħra Greenlines Environmental Services Limited u li d-dokumenti ingħataw f'idejn ċertu Suzanne Zammit (K.I. Nru 159366M) li jirriżulta li hija direttriċi, azzjonista u rappreżentanta legali tas-soċjeta' konvenuta l-oħra Greenlines Environmental Services Limted ('Dok. C', 'Dok. D', 'Dok. E' u 'Dok. F');*

4. *Illi l-imsemmija Suzanne Zammit qatt ma għaddiet kopja tar-rikors promotur u tad-dokumenti l-oħra lill-esponenti;*

5. *Illi meta ġie mressaq ir-rikors promotur nhar il-5 ta' Ġunju, 2009, l-esponenti kien jirrisjedi fil-fond 'Carmen Flats', Flat 1, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar, u matul l-impieg tiegħu huwa kien informa lis-soċjeta' konvenuta b'dan l-indirizz;*

6. *Illi kif ukoll, meta ġie mressaq ir-rikors promotur nhar il-5 ta' Ġunju, 2009, l-esponenti kien ilu li waqaf jaħdem minn mas-socjeta' konvenuta l-oħra Greenlines Environmental Services Limted għal tmien xhur, u preċiżament mit-30 ta' Settembru 2008, kif muri mill-'Employment History' maħruġ mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ tiegħu ('Dok. G');*

7. *Illi l-artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula, inter alia illi "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta tagħha";*

8. *Illi l-imsemmija Suzanne Zammit ma tinkwadrax ruħha fl-ebda waħda mill-persuni imsemmija taħt l-artikolu suċitat u għaldaqstant huwa ċar u*

*inekwivoku illi n-notifika mwettqa fl-uffiċċju rreġistrat tas-soċjeta' konvenuta l-oħra Greenlines Environmental Services Limited kienet waħda rregolari;*

9. *Illi l-fatt li l-konvenut Ahmed Ibro Muhiddin innotifika lill-esponenti fl-uffiċċju rreġistrat tas-soċjeta' konvenuta l-oħra Greenlines Environmental Services Limited minflok innotifikah fl-indirizz tar-residenza tiegħu, jew fil-post tax-xogħol il-gdid tiegħu, u kif ukoll in-nuqqas tas-soċjeta' Greenlines Environmental Services Limted li tinfurmah li kien ġie nnotifikat fl-uffiċċju rreġistrat tagħha wassal għall-irregolarita' fuq imsemmija, bil-konsegwenza li l-esponenti irriżulta kontumaċi stante li ma daħħalx ir-risposta ġuramentata tiegħu u b'hekk ġie mċaħħad mill-opportunita' illi jressaq id-difiża tiegħu;*

10. *Illi dan wassal għal nuqqas ta' osservenza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u tad-dritt fundamentali għas-smiegħ xieraq;*

11. *Illi inoltre, l-esponenti reċentement sar jaf li nhar it-2 ta' Mejju 2016 is-soċjeta' konvenuta l-oħra Greenlines Environmental Services Limited intavolat appell mis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' April, 2016 ('Dok. H');*

12. *Illi l-esponenti ma ġiex inkluż f'dan l-appell, stante li l-ebda notifika ma ħarġet fil-konfront tiegħu ('Dok H'), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 144(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

13. *Illi konsegwentement għal darb'oħra, l-esponenti ma ingħatax l-opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu lanqas fi stadju ta' appell;*

**_Raġuni tat-Talba:-_**

14. *Illi għar-raġunijiet suesposti l-esponenti ġie mċaħħad mill-opportunita' illi jmexxi d-difiża tiegħu fil-proċeduri fuq imsemmija, stante li ma ġiex regolarment notifikat la fil-proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti, u lanqas dawk li sejrin jinstemgħu quddiem il-Qorti ta' l-Appell;*

15. *Illi għaldaqstant teżisti raġuni suffiċjenti sabiex tintalab ritrattazzjoni taħt l-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

**_Talbiet:-_**

*Għaldaqstant l-esponenti, in vista tal-premess, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li in bażi tal-premess jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skond il-ligi a tenur ta' l-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tħassar u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' April, 2016 fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin vs. Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (Rik. Nru. 546/09JRM);*

3. *Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin vs. Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (Rik. Nru. 546/09JRM) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' April, 2016 biex b'hekk ir-rikorrent ikun jista' jħares d-drittijiet tiegħu skond il-liġi.*

*Bl-ispejjeż, kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' ritrattata Greenlines Environmental Services Limited tat-30 ta' Settembru 2016**[1] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. *"Illi primarjament ir-ritrattandi Mario Ebejer jeħtieġ jipprova t-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin v. Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (numru 546/2009 JRM) mogħtija nhar it-13 ta' April 2016 u dan stante li l-proċedura ta' ritrattazzjoni hija waħda straordinarja u eċċezzjonali;*

2. *Illi sussegwentement, l-esponenti qiegħda tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi barra dan, is-soċjeta' esponenti m'għandix tbagħti l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri;*

[1] Fol 67 et seq

4. *Salv kull eċċezzjoni permissibbli minn din l-Onorabbli Qorti jekk ikun il-każ waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Ahmed Ibro Muhiddin tat-12 ta' Diċembru 2016**[2] li permezz tagħha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. *"Illi preliminarjament jiġi rilevat li l-kawża odjerna hija nulla u bla effett fil-liġi stante li m'huwiex konċepibbli li titressaq kawża ta' ritrattazzjoni bbażata fuq kawża li għadha m'għaddietx in ġudikat;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-kawża odjerna hija intempestiva għall-aħħar stante li kif diġa' ġie rilevat (u dan ex-admissis mir-rikorrent Mario Ebejer), il-kawża fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin vs Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (546/09 JRM) għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u għalhekk ir-rikorrent kellu rimedji oħra disponibbli għalih qabel ma jintavola kawża ta' ritrattazzjoni;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent Mario Ebejer, ġialadarba hu stess jammetti li qatt ma ġie notifikat bl-appell intavolat mis-soċjeta' intimata Greenlines Environmental Services Limited fil-kawża fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin vs Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (546/09 JRM), allura għandu jirriżulta li l-istess rikorrent Mario Ebejer għadu fiċ-ċans jekk irid jagħti ruħu notifikat bl-istess appell intavolat mis-soċjeta' intimata u jressaq risposta*

[2] Fol 92 et seq

*għall-istess appell u sussegwentement jitratta l-istess appell u għalhekk żgur li mhux minnu li qiegħed jiġi mċaħħad mill-opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu fi stadju t'appell;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi rilevat li l-esponent huwa l-appellat fl-appell pendenti relatat għall-kawża fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin vs Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (546/09 JRM) u għalhekk ma kienx kompetu tiegħu li joħroġ xi notifika tal-istess appell lir-rikorrent Mario Ebejer;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad li n-notifika li jagħmel referenza għaliha r-rikorrent u li tidher li ingħatat lil Susan Zammit hija notifika valida stante li din ingħatat lil persuna adulta, li kienet taf lill-istess Mario Ebejer u li għalhekk, il-fatt li aċċettatha jagħmilha f'għajnejn il-liġi notifika valida;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sentenza fl-ismijiet Ahmed Ibro Muhiddin vs Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (546/09 JRM) hija ġusta u timmerita li tiġi konfermata u li konsegwentement m'hemm ebda raġuni valida għar-ritrattazzjoni tal-istess kawża;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur jallega li minkejja li tħarrek bħala konvenut fil-kawża fl-ismijiet *Ahmed Ibro Muhiddin vs. Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer (Rik. Nru. 546/09JRM)* huwa qatt ma ġie notifikat bl-atti skont il-liġi u għalhekk permezz tal-proċeduri odjerni huwa qiegħed jitlob lill-Qorti tiddeċiedi li hemm lok għal ritrattazzjoni skont il-liġi. Konsegwentement huwa qiegħed jitlob it-tħassir is-sentenza msemmija deċiża fit-13 ta' April, 2016 u l-ordni li ssir r-ritrattazzjoni tal-kawża Rik. Nru. 546/09JRM.

Minn naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta Greenlines Environmental Services Ltd eċċepiet li l-attur irid jipprova t-talbiet tiegħu u sussegwentement irrimettiet ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti. Il-konvenut l-ieħor Ahmed Ibro Muhiddin irrespinġa l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għal diversi raġunijiet fosthom għax fil-fehma tiegħu in-notifika lill-attur hija valida għall-finijiet tal-liġi u li l-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni għadha m'għaddietx in ġudikat.

**XHIEDA**

1. Xehed **l-attur Mario Ebejer**[3] li qal li huwa kien jaħdem mal-kumpanija tal-ġbir tal-iskart bl-isem ta' Greenlines Services Ltd, bħala xufier u ħaddiem fil-ġbir tal-iskart. Huwa kien beda jaħdem ma' din il-kumpanija f'Ottubru tal-2004 sa Settembru 2006. Wara dan il-perjodu kien reġa daħal jaħdem mas-soċjeta' konvenuta f'April 2007 sa Awissu 2007. L-aħħar darba li kien ħadem mas-soċjeta' msemmija kien minn Lulju 2008 sa Settembru 2008.

Il-konvenut Ahmed Ibro Muhiddin, magħruf aħjar bl-isem ta' "Hussein", ukoll kien jaħdem mas-soċjeta' konvenuta iżda dan biss meta kienet tibgħat għalih il-kumpanija għax kien ikollha bżonn is-servizzi tiegħu.

L-attur ta dettalji ta' nċident li seħħ f'Awissu 2008 li fih kienu nvoluti hu u l-konvenut b'vann tas-soċjeta' konvenuta u li fih korra l-konvenut Muhiddin, liema nċident ta' lok għall-proċeduri ċivili mpunjati fil-proċeduri odjerni Rik

[3] Fol 97 et seq

Nru 546/09 fl-ismijiet *Ahmed Ibro Muhiddin vs. Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer*.

L-attur spjega wkoll li f'Settembru 2008 irriżenja minn mas-soċjeta' konvenuta u dan peress li sab xogħol ieħor.

Qal ukoll li huwa qatt ma rċieva notifika, ittra jew xi dokument ieħor mibgħut lilu mill-Qorti Ċivili ta' Malta jew mingħand xi avukat dwar xi proċeduri ċivili fir-rigward tal-inċident imsemmi. Żied jgħid ukoll li l-karta tal-identita' tiegħu dejjem ġiet mibdula kif suppost meta bidel xi ndirizz biex tirrifletti l-indirizz li kien qed jgħix fih. Peress li hu b'ebda mod ma kien notifikat b'xi proċeduri ġudizzjarji huwa ma setax iressaq id-difiża tiegħu u dan peress li qatt ma ġie nnotifikat li nfetaħ każ fil-Qorti. Huwa sar jaf li kienet ingħatat is-sentenza fil-konfront tiegħu mill-Qorti Ċivili Rik Nru 546/09 meta martu kienet qed taqra l-gazzetta *The Malta Independent* fuq l-internet u ssemma ismu f'sentenza li nqatgħet f'April 2016. Qal ukoll li r-rikors promotur, l-avviż, id-digriet u d-dokumenti relattivi jidher li kienu qed jingħataw lil Suzanne Zammit, direttriċi tal-kumpanija Greenlines Environmental Services Ltd u li l-istess Zammit qatt m'għaddietlu kopja tagħhom.

L-attur kompla jgħid li meta ġie mressaq ir-rikors promotur nhar il-5 ta' Ġunju 2009 huwa kien joqgħod f'fond Carmen Flats, Flat 1, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar u matul l-impjieg tiegħu kien informa lis-soċjeta' konvenuta b'dan l-indirizz ta' fejn kien joqgħod.

Meta ġie ntavolat ir-rikors promotur fil-kawża odjerna nhar il-5 ta' Ġunju 2009 huwa kien ilu li waqaf jaħdem minn mas-soċjeta' konvenuta għal tmien xhur u preċiżament mit-30 ta' Settembru 2008 (konfermat minn kopja tal-*Employment History* tal-attur a fol 33 et seq).

L-attur sostna li minħabba dan kollu huwa ġie mċaħħad mill-opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu fil-proċeduri li nfetħu kontrih u dan meta huwa b'ebda mod qatt ma ġie regolarment notifikat. Kien għalhekk li huwa ntavola l-kawża odjerna u dan sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu skont il-liġi.

In **kontro-eżami**[4], huwa kkonferma li wara li ntavola l-kawża odjerna huwa ġie notifikat bir-rikors tal-appell tal-kawża 546/09 u ntavola risposta u appell inċidentali.

2. Xehdet **Jennifer Ebejer, mart l-attur**[5] li tat retroxena ta' kif skopriet li kienet ingħatat sentenza fejn kien imdaħħal isem żewġha. Hija qalet li darba f'Mejju 2016 waqt li kienet qegħda l-Mosta tistenna lil waħda minn uliedha tlesti eżami, u sabiex jgħaddi l-ħin, daħlet fil-"google" u ttajpjat isem żewġha bil-għan li tara jekk facebook account li kellu żewġha u li kien ilu ħafna ma juża kienx għadu jeżisti. Iżda ħadet qatgħa x'ħin minflok rat li kien hemm artiklu fuq il-gazzetta *The Malta Independent* li kien jgħid li kien hemm sentenza kontra żewġha li kienet diġa' nqatgħet f'April 2016. Hija qrat l-artiklu tal-gazzetta u peress li kienet taf li żewġha kien preżenti għall-inċident hija ċemplitlu. Hija qalet li qabel dan kollu la hi u lanqas żewġha ma kienu jafu bil-kawża. Huma qatt ma kienu rċevew id-dar tagħhom xi dokument, ittra jew korrispondenza oħra mill-Qrati u għalhekk żewġha qatt ma kien avżat jew notifikat bil-każ. Hija

4 Fol 194 et seq
5 Fol 102 et seq

żiedet tgħid li meta bdew il-proċeduri fl-2009 kemm hija u anke żewġha fil-karti tal-identita' rispettivi tagħhom kellhom l-istess indirizz ta' fond bl-isem ta' Carmen Flats, Flat 1, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar. Huma kienu ilhom jgħixu f'dak l-indirizz mill-bidu tas-sena 2008. Dan kien l-istess indirizz li kellha s-soċjeta' konvenuta meta kien jaħdem l-aħħar magħhom l-attur.

Ix-xhud kompliet tgħid li meta ċemplet u spjegat lil żewġha x'kien ġara kienet qaltlu biex imorru jieħdu parir mingħand avukat u fetħu kawża ta' ritrattazzjoni peress li żewġha qatt ma kien innotifikat bil-proċeduri kontrih. Hija stqarret li kienet taf xi tfisser notifika ta' att mill-Qorti peress li f'episodju li mhux relatat kienu fetħu proċeduri huma stess kontra terzi.

3. Xehed **Emanuel Sciriha, Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali**[6] li ppreżenta kopji ta' riferti li saru fil-kawża Rik 546/09 u xehed dwar diversi aspetti relatati man-notifika lill-attur. Huwa qal li skont dawn l-istess riferti l-attur ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-Avviż tas-Smiegħ tal-kawża msemmija fl-4 ta' Jannar 2010 u f'dak l-istess jum ġiet notifikata wkoll b'dawk l-atti s-soċjeta' konvenuta. Kemm l-attur kif ukoll is-soċjeta' konvenuta ġew notifikati fl-istess indirizz u ċioe' "Sunshine", Triq il-Ġiżimin, Swieqi f'idejn Susan Zammit. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm notifika oħra ta' rikors datat 22 ta' Lulju 2011 li wkoll ġie notifikat fl-istess indirizz pero' peress li dan kien intbagħat bil-posta ma kellux indikat lil min.

Imbagħad għal dak li jirrigwarda l-appell minn dik il-kawża, is-soċjeta' konvenuta, *qua* appellanti, ħarġet notifika biss lil Ahmed Ibro Muhiddin, *qua* appellat. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjeta' appellanti qatt ma ħarġet notifika tal-appell tagħha lill-attur odjern Mario Ebejer.

[6] Fol 126 et seq

Ukoll, Mario Ebejer fl-ebda ħin u waqt ma' ta' ruħu b'notifikat f'dawk il-proċeduri. Lix-xhud pero' rriżultalu mill-atti ta' dik il-kawża li fit-22 t'Awissu 2011, meta l-kawża kienet għadha quddiem il-Prim Awla, is-soċjeta' konvenuta kienet preżentat Nota fejn iddikjarat li d-direttur tagħha Susan Zammit erroneament aċċettat in-notifika tar-rikors ta' Ahmed Muhiddin tat-22 ta' Lulju 2011 f'isem Mario Ebejer.

Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-kawża Rik Nru 546/09 għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u ma kinitx għadha ġiet appuntata. Żied jgħid li l-uniku appell li hemm fl-atti huwa tas-soċjeta' Greenlines Environmental Services Ltd, pero' fl-atti tal-appell hemm nota ta' Mario Ebejer li tgħid li huwa qatt ma ġie notifikat bl-atti tal-kawża in kwistjoni u lanqas bir-rikors tal-appell. In-nota tgħid ukoll li huwa sar jaf bil-kawża biss meta din ġiet rappurtata fil-media.

4. Xehed **Joseph Saliba, rappreżentant tal-Jobs Plus**[7] li esebixxa kopja tal-Employment History tal-attur[8] li turi li huwa l-aħħar li ħadem mas-soċjeta' konvenuta kien fit-30 ta' Settembru 2008 u li fl-4 ta' Jannar 2010 huwa kien jaħdem ma' VZ Lines Ltd ġewwa San Pawl il-Baħar.

5. Xehdet **Eunice Grech Fiorini, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili**[9] li kkonfermat li quddiem il-Prim Awla in-notifika lil Mario Ebejer saret fl-indirizz tas-soċjeta' konvenuta u ngħatat f'idejn Susan Zammit, Direttur ta' dik l-istess kumpanija. Hija rreferiet għal nota li kienet ġiet preżentata mis-soċjeta' konvenuta, ukoll fil-prim istanza, li kienet tgħid li Mario Ebejer m'għadux impjegat magħhom u li għalhekk ma setgħetx tgħaddilu r-rikors li rċeviet (tat-

[7] Fol 134
[8] Fol 156 et seq
[9] Fol 169 et seq

22 ta' Lulju 2011) b'dana li konsegwentement Ahmed Ibro Muhiddin kellu jirregola ruħu għal fini ta' notifika ta' dak ir-rikors. Wara dik in-nota xorta ma sarux tentattivi ta' notifika lil Mario Ebejer. Lix-xhud irriżultalha wkoll li Mario Ebejer qatt ma' deher fil-proċeduri mpunjati u lanqas qatt ma ttella' jixhed. Anke r-rikors tal-appell qatt ma ġie notifikat lil Ebejer. Ix-xhud ikkonfermat li l-appell kien għadu mhux appuntat.

6. Xehdet **Susan Zammit, direttur tas-soċjeta' konvenuta**[10] li qalet li l-attur kien waqaf jaħdem minn mal-kumpanija circa ħmistax -il jum wara li seħħ l-inċident li fih korra l-konvenut l-ieħor Ahmed Ibro Muhiddin. Hija dehrilha li xi darba kien mar Marixxall l-uffiċċju tal-kumpanija u ħallielha dokumenti dwar kawża li fetaħ Muhiddin iżda baqgħet tgħid li ma tiftakarx jekk ħaditx ukoll id-dokumenti ndirizzati lill-attur. Qalet ukoll li wara li telaq mill-impjieg hija ma kinitx żammet kuntatt mal-attur u m'għadditlux karti.

Dwar l-appell pendenti mis-soċjeta' konvenuta fil-kawża Rik 546/09 hija ma kinitx f'qagħda tgħid jekk tatx struzzjonijiet lill-avukat tagħha biex joħroġ notifika tar-rikors tal-appell tas-soċjeta' lill-attur.

7. Xehed **James Marshall, rappreżentant ta' Marshall Ltd**[11] li qal li l-attur ħadem magħhom f'żewġ perjodi: mill-1 ta' Marzu 1996 sat-28 ta' Settembru 1997 u mbagħad mit-13 t'Ottubru 2008 sal-21 t'April 2009. Huwa kien impegat magħhom bħala xufier fuq bażi *full-time*.

[10] Fol 172 et seq
[11] Fol 180 et seq

8. Xehed **Kevin Vella, rappreżentant ta' VZ Lines Ltd**[12] li kkonferma li l-attur kien impjegat miegħu *full time* mis-27 t'April 2009 sad-29 ta' Lulju 2012 u li allura f'Jannar 2010 kien jaħdem ma' dik is-soċjeta'.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi suesposti l-Qorti telenka s-segwenti kronoloġija fattwali –

1. L-attur kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta Greenlines Environmental Services Ltd fi tlett perjodi diversi: bejn l-2004 u l-2006, fl-2007 u l-aħħar perjodu kien mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Settembru 2008;

2. Fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjeta' konvenuta, senjatament fil-31 t'Awissu 2008 seħħ inċident li fih kienu nvoluti hu u l-konvenut l-ieħor Ahmed Ibro Muhiddin b'vann tas-soċjeta' konvenuta. F'dan l-inċident weġġa' l-konvenut Muhiddin u b'riżultat ta' dan, fil-5 ta' Ġunju 2009, huwa ntavola kawża għad-danni Rik Nru 546/09 fl-ismijiet *Ahmed Ibro Muhiddin vs. Greenlines Environmental Services Limited u Mario Ebejer*;

3. Skont ir-riferta fl-atti ta' dik il-kawża[13], ir-rikors ġuramentat, id-digriet tal-appuntament tal-kawża u l-Avviż tas-Smiegħ ġew notifikati lill-attur fl-**4 ta' Jannar 2010** fis-sede tas-soċjeta' konvenuta Greenlines Environmental Services f'idejn id-direttur Susan Zammit;

---

[12] Fol 182 et seq
[13] Fol 138

4. Kif konfermat minn Susan Zammit stess fix-xhieda tagħha hija qatt m'għaddiet dawn id-dokumenti lill-attur;

5. Mario Ebejer ġie meqjus kontumaċi u l-kawża Rik Nru 546/09 kompliet tinstema'. Ebejer la qatt deher għall-kawża u lanqas tressaq bħala xhud. Dik il-kawża ġiet deċiża fit-**13 t'April 2016**[14] bil-konsegwenzi kif indikat fir-rikors ġuramentat, għalhekk b'responsabitla'  anke fil-konfront ta' l-attur;

6. Fit-**2 ta' Mejju 2016** s-soċjeta' Greenlines Environmental Services Ltd appellat minn dik is-sentenza[15] iżda nnotifikat ir-rikors tal-appell **biss** lil Ahmed Ibro Muhiddin[16];

7. Skont l-attur u martu, għall-ħabta ta' Mejju 2016, huma skoprew b'kumbinazzjoni mill-mezzi tal-media li kienet saret kawża Rik Nru 546/09 u li kienet ġiet deċiża fit-13 t'April 2016. Konsegwenza ta' dan huma marru jieħdu parir legali biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom;

8. Fl-**1 ta' Lulju 2016** l-attur intavola l-kawża odjerna fejn qiegħed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-proċeduri  deċiżi tar-rikors ġuramentat numru 546/09;

9. Fit-**8 ta' Novembru 2016** l-attur odjern preżenta fil-Qorti tal-Appell Nota fl-atti tal-kawża 546/09 fejn iddikjara li (i) hu qatt ma kien ġie notifikat bl-atti tal-kawża u lanqas bir-rikors tal-appell; (ii) sar jaf bl-istess kawża biss meta s-

[14] Fol 6 et seq
[15] Fol 145
[16] Fol 146

sentenza ġiet rappurtata fil-media; u li (iii) għalhekk huwa ppreżenta l-kawża odjerna għal ritrattazzjoni[17];

10. Sussegwentement is-soċjeta' appellanti Greenlines Environmental Ltd ħarġet notifika tar-rikors tal-appell lill-attur, liema rikors ġie notifikat lilu fit-**22 ta' Frar 2018**[18];

11. L-attur odjern preżenta kemm risposta tal-appell u anke appell inċidentali[19];

12. L-appell in kwistjoni għadu pendenti u sal-lum mhuwhiex appuntat għas-smiegħ.

Elenkata din is-sinteżi ta' provi fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqa l-Qorti tqis li għandha tipproċedi billi l-ewwel titratta **l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Ahmed Ibro Muhiddin** li tgħid hekk -

***"Illi preliminarjament jiġi rilevat li l-kawża odjerna hija nulla u bla effett fil-liġi stante li m'huwiex konċepibbli li titressaq kawża ta' ritrattazzjoni bbażata fuq kawża li għadha m'għaddietx in ġudikat;***

**L-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk dwar il-proċedura ta' ritrattazzjoni -

[17] Fol 152
[18] Fol 201
[19] Fol 202 et seq

*"Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:"*

Il-Qorti tagħmel mill-ewwel referenza għall-każ **James Buttigieg et noe vs Dottor Michael Caruana et noe deċiża fit-8 ta' Marzu 2016** stante li għalkemm kien jitratta talba għal ritrattazzjoni minn sentenza *in parte* l-prinċipji applikabbli għal dan l-artikolu kif sottolineati minn dik il-Qorti huma ta' rilevenza għall-każ odjern –

*"......huwa meħtieġ li jiġi eżaminat l-irritwalita` tal-proċedura peress li l-kawża għadha pendenti u allura qed jingħad li ma tistax tiġi mismugħa mill-ġdid f'dan l-istadju.*

........

*Din il-Qorti ġia` iddeċidiet fil-kawża **Spiteri v. Spiteri** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2013, li ma hux possibbli li jkollok ritrattazzjoni wara sentenza in parte. Intqal hekk a propożitu fl-imsemmija sentenza:*

*"L-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi b'mod ċar li hi l-"kawża" li tista' tiġi ritrattata u mhux sentenza, u biex kawża tingħad li ġiet definita, jeħtieġ sentenza finali fuq il-meritu kollu tal-istess kawża. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **Mifsud Bonnici v. Scicluna**, deċiża fis-26 ta' April, 1993,*

*"Ir-ritrattazzjoni hija tal-kawża u meta l-kawża għadha qed tiġi trattata ma tistax tiġi ritrattata."*

*"Hu veru li, f'dik il-kawża, ir-ritrattazzjoni kienet qed tintalab ta' sentenza fuq eċċezzjoni preliminari, pero`, il-prinċipju hu l-istess meta si tratta minn sentenza preliminari li tolqot biss parti mill-meritu tat-talbiet attriċi. Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza msemmija, ma tistax tintalab ritrattazzjoni ta' deċiżjoni meta "l-atti tagħha qegħdin quddiem qorti oħra". Is-sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011, ma ddisponietx mill-kawża, u allura ma hemm lok għal ebda ritrattazzjoni (ara wkoll* ***Mamo noe v. Axisa et****, deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Diċembru, 2003 u* ***Rodo et v. Grech et****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju, 2009, fejn intqal illi "erronea hija s-sottomissjoni tar-ritrattandi li ritrattazzjoni tista' tintalab kemm ta' sentenza finali iżda, anke ta' sentenza parzjali", u ċaħdet talba għar-ritrattazzjoni "ta' sentenza li ddeċidiet il-kawża in parte").*

*"Is-sentenza issa impunjata ma wasslitx għat-tmiem tal-kontroversja bejn iż-żewġ partijiet, u l-kawża għadha pendenti quddiem qorti tal-ewwel istanza. Ir-ritrattazzjoni tista' tintalab biss fil-każ ta' kawża deċiża fil-meritu b'sentenza ta' din il-Qorti li tkun għaddiet in ġudikat – quando terminat negotium de quo agitur. F'dan il-każ, il-kwistjoni bejn il-partijiet li tolqot il-validita` taż-żwieġ tagħhom għadha pendenti u għadha qed tiġi mistħarrġa mill-qorti kompetenti."*

*Anke f'dan il-każ, ma hemmx sentenza finali fuq il-meritu kollu tal-istess kawża. Qari tas-sentenza attakkata juri biċ-ċar li l-kawza għadha mhux deċiża. Is-soċjeta` ritrattandi taċċetta li għad hemm kwistjonijiet li għadhom ma ġewx deċiżi (bħall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni), u din il-Qorti taqbel li ma jeżistix rimedju ta' ritrattazzjoni ta' sentenza li iddeċidiet il-kawża in parte.*

*L-argument li l-ispiritu tal-liġi hu li kull sentenza li hi ta' natura finali hija ritrattabbli ma jreġix, peress li din ma hijiex diċitura li użat il-liġi. Meta daħal*

*fil-liġi l-istitut ta' ritrattazzjoni, kien ġia` possibbli għall-qrati li jagħtu sentenzi in parte, ċiononostante il-Leġislatur ried u hekk illeġiżla li r-rimedju jkun disponibbli biss meta l-kawża tiġi deċiża u mhux meta tingħata sentenza parzjali, anke jekk finali."*

Fid-dawl tas-suesposti prinċipji l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Kif ingħad fil-ġurisprudenza appena ċitata, l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi b'mod inekwivoku li hija l-**"kawża"** li tagħha tista' tintalab ritrattazzjoni u mhux sentenza li sal-lum il-ġurnata għadha mhijiex finali in kwantu għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell b'dana li l-mertu kollu tal-kawża għadu suġġett għad-deċiżjoni aħħarija ta' dik l-istess Qorti. Il-konklużjoni hija waħda – la l-kawża għadha qed tiġi trattata ma tistax terġa' tiġi ritrattata permezz tal-proċeduri odjerni;

2. Kif ġie osservat ukoll fl-istess ġurisprudenza, lanqas tista' tintalab ritrattazzjoni ta' sentenza meta l-atti tal-kawża jinsabu quddiem Qorti oħra, fil-każ odjern il-Qorti tal-Appell. La l-Qorti tal-Appell fil-każ impunjat Rik 546/09 għadha ma ddisponietx minn dawk il-proċeduri b'mod definittiv, m'huwhiex f'dan l-istadju disponibbli r-rimedju tar-ritrattazzjoni. Meta imbagħad il-kontroversja bejn il-partijiet kollha tiġi fi tmiemha b'sentenza tal-Qorti tal-Appell li tkun għaddiet in ġudikat, allura minn hemm jiskatta t-terminu, jekk ikun il-każ, għall-proċedura ta' ritrattazzjoni;

3. Dak li din il-Qorti tinnota huwa li preżentment, anke jekk wara li ntavola l-kawża odjerna, l-attur ġie notifikat bir-rikors tal-appell tas-soċjeta' Greenlines Environmental Services Ltd u daħal b'mod attiv bħala parti minn dawk il-

proċeduri tant li mhux biss intavola risposta tal-appell iżda anke appell inċidentali. Addirittura l-istess attur fl-appell inċidentali tiegħu ressaq l-ewwel aggravju tiegħu proprju fuq il-kwistjoni tan-notifika. Infatti dan permezz ta' dak l-aggravju huwa jilmenta hekk –

*"L-Ewwel Qorti ma kellha qatt tiddikjara illi l-esponenti huwa kontumaċi fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u dan stante għall-fatt illi l-istess esponenti qatt ma kien debitament notifikat bil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti[20]".*

Imbagħad l-ewwel talba tiegħu fl-appell inċidentali hija proprju biex il-Qorti tal-Appell –

"*Tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti limitatament fil-konfront tiegħu in vista tal-fatt illi l-esponenti qatt ma ġie notifikat bil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi u dan in vista tal-ewwel aggravju tal-esponenti.".*

Issegwi lli huwa l-istess attur appellant illi qiegħed ukoll da parti tiegħu żżomm ħajja l-kontroversja ġia deċiża bis-sentenza li tagħha qiegħed ifittex t-tneħħija. Hu stess allura qiegħed ukoll jirrikonoxxi lli l-kontroversja għada mhux waħda determinata.

Biex wieħed ikomppli jifhem kemm verament hi improponibbli din l-ażżjoni kif mressqa l-Qorti tagħmel referenza ukoll għal deċizzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Annunziata Farrugia et vs Crocifisso Gauci et[21]** li tat spjegazzjoni ċara ta' kif, fejnu meta hija proponibbli kawza ta' ritrattazzjoni, ukoll tan-natura ristretta li din tgawdi fl-applikazzzjoni tagħha; biss segwendo l-ġudikat ta' kawza. Ebda triq oħra ma hi miftuħa għalija għajr f'dawn iċ-ċirkostanzi. Ingħad:-

*"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-*

[20] Fol 207
[21] Rik Nru 822/08; deċiża fil-5 ta' Lulju 2016

*regoli li jigvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza. ... (Rev. Don Giuseppe Aquilina v. Francesco Aqiulina, Appell Civili, 18 ta' April 1958).*

*"Din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Dottor Austin Bencini nomine v. Dottor Remigio Zammit Pace nomine deciza fl-20 ta' Frar 1996 qalet fost affarijiet ohra:*

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghal principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan independentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massina res judicata pro veritate habetur. F'dan il-kuntest tista' ssir riferenza ghas-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Volum XXV-I-137 fejn tant tajjeb gie sottolinejat li r-rimedju tar-ritrattazjoni;*

*"Non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero i supposto errore di fatto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dala legge dovendo in ogni caso prevalere la stabbilita` dell' giudicato che sola puo mettere fine alle liti, poiche' l' autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile."*

*"Minn dan ... titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVIII818). Diversament taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jista' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribuna tat-tielet istanza, (Vol. XLII-I-227) li mhix permessa mil-ligi."*

Faċilment huwa deduċibbli lil ġurisprudenza dejjem titkellem fuq dak li jista jokkorri wara il-**ġudikat**.

4. In vista tas-suespost, isegwi li la l-kawża l-oħra Rik 546/09 għadha pendenti u mhux *res judicata* għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u l-attur stess huwa attivament parteċipi f'dawk l-istess proċeduri, wieħed mir-rekwiżiti sabiex tkun tista' tiġi trattata u deċiża talba għal ritrattazzjoni, u ċioe' r-*res judicata*, huwa b'mod lampanti ovvju u ċar mankanti.

Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenut Muhiddin timmerita li tiġi akkolta u per konsegwenza ma hemm ebda lok li l-Qorti tipproċedi bil-kunsiderazzjoni tat-talbiet tal-attur u tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Ahmed Ibro Muhiddin u tiddikjara l-kawża odjerna bħala nulla u bla effett fil-liġi in kwantu l-kawża Rik 546/09 li tagħha qed tintalab ritrattazzjoni tagħha permezz tal-kawża odjerna għadha m'għaddietx in ġudikat;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur;**

**3. Tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**4. L-ispejjeż tal-kawża odjerna jkunu a karigu tal-attur.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**